MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2011

Citazzjoni Numru. 258/2009

Joseph, Lawrence u Peter aħwa **BUĠEJA**

Vs

Claude **PARIS** u s-soċjeta' C & C Caterers Limited (C – 35883)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-16 ta' Marzu, 2009, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li l-Qorti (i) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ għall-finijiet tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; (ii) issib li l-imħarrkin solidalment huma debituri tagħhom fis-somma ta' ħmistax-il elf tliet mija u ħmistax-il euro u tnax-il ċenteżmi (€ 15,315.12) merkanzija lilhom mibjugħa u konsenjata bejn Marzu tal-2007 u Diċembru tal-2008,

flimkien mal-imgħaxijiet fis-somma ta' elf sitt mija u wieħed u tletin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1631.22) dovuti fuq l-imsemmi kreditu sal-għaxra (10) ta' Marzu, 2009, flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri minn dak inhar sal-jum tal-ħlas effettiv; u (iii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom l-imsemmija ammonti flimkien mal-imgħaxijiet relativi. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrkin fit-12 ta' Mejju, 2009, li biha u għall-finijiet tal-artikolu 170(1) tal-Kap 12, iddikjaraw li kellhom eċċezzjonijiet validi x'iressqu kontra l-azzjoni mibdija kontrihom;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2009, li bih u wara li semgħet lill-avukati tal-partijiet, tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom biex jikkontestaw il-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Mejju, 2005, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-imħarrek Claude Paris fil-kapaċita' tiegħu personali ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-imsemmija azzjoni attriċi għaliex huwa kien jidher biss bħala direttur tal-kumpannija mħarrka u qatt ma innegozja mal-atturi f'ismu proprju, u billi invokaw il-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili dwar biċċa mill-konsenja li tagħha qiegħed jintalab il-ħlas. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ħlasijiet dejjem intalbu lill-kumpannija mħallsa u din wettqet bosta ħlasijiet akkont. Temmew jgħidu li ma hemmx qbil bejn dak li l-atturi qegħdin jgħidu li ikkonsenjaw u dak li, fil-fatt, kien konsenjat;

Semgħet il-provi mressqa mill-partijiet, magħduda dawk dokumentali;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2011, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-atturi li biha qal li kien joqgħod fuq dak li joħroġ mill-atti u li ma kellux sottomissjonijiet x'jagħmel;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta’ Novembru, 2011, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għall-ħlas ta’ merkanzija mibjugħa. L-atturi jmexxu ditta li tforni ħut u frott tal-baħar lill-istabilimenti. Għal żmien twil kienet tforni wkoll lill-istabiliment immexxi mill-imħarrkin, u billi waqgħu lura fil-ħlas, l-atturi qegħdin ifittxuhom biex iħallsu dak lilhom dovut għall-bosta konsenji li huma għamlu lill-istess stabiliment bejn Marzu tal-2007 u Diċembru tal-2008, flimkien mal-imgħaxijiet fuq dik is-somma;

Illi l-imħarrkin laqgħu billi, b’mod preliminari, qalu li l-imħarrek Claude Paris personalment ma kien qatt inegozja mal-atturi u ma kelux x’jaqsam mad-dejn, u wkoll li, għal biċċa mis-somma mitluba, l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar taħt lartikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma kienx minnu li l-kumpannija mħarrka kienet irċeviet il-konsenji kollha li jsemmu l-atturi iżda konsenji fl-ammont ta’ sebat elef u għoxrin euro u sbatax-il ċenteżmu (€ 7,020.17) biss;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-atturi jmexxu d-ditta “*Buġeja Fish Market*”, bis-sedi tagħha f’Għajnsielem, Għawdex, liema ditta tmexxi n-negozju ta’ bejgħ u konsenji ta’ ħut u frott tal-baħar. Fost il-klijenti tagħha, għal xi żmien, kien hemm l-istabiliment “*La Vita di La Valette*”, li huwa ristorant fil-Valletta Waterfront. L-imsemmi stabiliment huwa mmexxi mill-kumpannija mħarrka li tikri l-post, u li l-imħarrek huwa d-direttur waħdien tagħha. Minn xi żmien huwa wkoll segretarju tal-istess kumpannija;

Illi l-pretensjonijiet tal-atturi jkopru konsenji għaż-żmien bejn Marzu tal-2007 u Diċembru tal-2008[1];

Illi f'Jannar tal-2009[2], l-atturi ħarġu ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, li biha talbu lill-imħarrkin iħallsu l-ammont mitlub f'din il-kawża. Fis-16 ta' Marzu, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li l-Qorti jeħtiġilha tagħmel huma tlieta: ilkoll joħorġu minn dak li l-imħarrkin jeċepixxu. Fil-mertu, trid tara jekk huwiex minnu li l-atturi ikkonsenjaw dak kollu li tiegħu qegħdin jitolbu l-ħlas f'din il-kawża. Dwar il-preġudizzjali preliminari, trid tqis jekk l-imħarrek Claude Paris personalment iweġibx għall-azzjoni attriċi, u wkoll jekk huwiex minnu li, mqar f'xi parti minnha, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni;

Illi **l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** tinbena fuq dik tat-tmintax-il (18) xahar, skond l-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar l-azzjonijiet tal-kredituri għall-merkanzija, jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

Illi biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu[3]. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija[4]. Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minħabba li grossista jista' jagħmel bejgħ bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummerċjant ieħor[5];

Illi f'każ fejn in-negozju bejn il-partijiet ma jkunx limitat għal sempliċi operazzjoni ta' bejgħ u xiri (kif isir f'bejgħ bl-

---

[1] Prospett Dok "A", f'paġġ. 3 – 6 tal-proċess
[2] Dok "Ċ", f'paġ. 9 tal-proċess
[3] P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)
[4] Kumm. **5.6.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċini vs Debono*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.613**)
[5] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **18.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe vs Camilleri*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.175**)

imnut) imma jkun hemm element ta' negozjati dwar il-kwalita' tal-ħaġa mibjugħa, dwar il-konsistenza tagħha, dwar il-kapaċita' tagħha biex tilħaq l-għanijiet tax-xerrej, u jkun hemm ukoll l-għoti ta' pariri u stimi, wieħed jista' jgħid li jkun hemm indoli ta' bejgħ bl-ingrossa u mhux bl-imnut[6];

Illi meta wieħed iħares lejn il-prospett li fuqu l-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom[7], isib li ma jistax jingħad li l-bejgħ u l-arranġament kummerċjali, li kien jeżisti bejn l-atturi u min mill-imħarrkin, kien wieħed ta' bejgħ bl-imnut. Dan joħroġ ċar ukoll mill-fatturi li jagħmlu parti mill-provi mressqin mill-atturi[8], fejn jidher sewwa li l-konsenji kienu ta' ċerta konsistenza u prezz. Ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-konsenji kienu jsiru lill-istabiliment bil-ħsieb li ssir attivita' kummerċjali mill-istess konsenji b'konsum fuq firxa wiesgħa ta' klijenti li jippratroċinaw l-istess stabiliment. Dawn huma ċirkostanzi li, fil-fehma tal-Qorti, jixhdu li n-natura tassew tal-bejgħ u xiri bejn il-partijiet kien wieħed bl-ingrossa u mhux bl-imnut, għal liema sura ta' negozju ma jgħoddx l-artikolu imsemmi mill-imħarrkin imma artikolu ieħor, għall-finijiet tal-preskrizzjoni;

Illi, madankollu, kieku wkoll wieħed kellu jqis li għan-negozju mertu tal-każ kellu jgħodd l-artikolu msemmi mill-imħarrkin, jirriżulta sewwa mill-atti li ż-żmien li seta' kien għaddej favur l-imħarrkin inkser. Dan minħabba li l-atturi kienu ressqu att ġudizzjarju f'Jannar tal-2009 (fis-sura ta' ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kap 12), liema att jidher li kien notifikat lil kull wieħed miż-żewġ imħarrkin fil-kawża tal-lum. Dan ifisser li, bis-saħħa ta' dak l-att, kull konsenja li saret sa minn Lulju tal-2007 u li ma kenitx għadha mħallsa, kien jista' jintalab il-ħlas tagħha, bħalma ġara f'dan il-każ;

Illi fis-sewwa, irid jingħad li, mill-fatturi kollha li jffurmaw il-mertu ta' din il-kawża, waħda minnhom biss hija eqdem minn Lulju tal-2007, u fir-rigward tagħha, wieħed jista' jgħid li l-att ġudizzjarju mressaq f'Jannar tal-2009 ma kienx kiser il-preskrizzjoni. Iżda kemm għaliex l-artikolu

---

[6] App. Inf. **7.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech noe vs Medina Food Manufacturing Co.Ltd.*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.1121**)
[7] Dok "JK1" f'paġġ. 31 – 5 tal-proċess
[8] Dokti f'paġġ. 36 – 122 tal-proċess

invokat mill-imħarrkin ma kienx wieħed li jgħodd għall-każ u kif ukoll għal raġunijiet oħra li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem, il-Qorti jidhrilha li lanqas dwar dik l-ewwel fattura ma jista' jingħad li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni;

Illi minħabba f'hekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex tajba u mhijiex sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis **l-eċċezzjoni li l-imħarrek personalment m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi**. L-imħarrek Paris jisħaq li huwa personalment ma kellu x'jaqsam xejn mal-kreditu pretiż mill-atturi. Jgħid li qatt ma innegozja direttament magħhom u wisq anqas li innegozja f'ismu personali;

Illi meta xehdu tnejn mill-atturi, dan il-punt dwar min kien il-klijent tad-ditta tagħhom ma tant ħareġ ċar wisq. Filwaqt li l-attur Joseph Buġeja xehed li kien hemm xi drabi li tkellem mal-imħarrek Paris[9], l-attur l-ieħor Lawrence Buġeja lanqas qatt ma implika lill-istess imħarrek fin-negozji jew fil-kunsinni li saru u li jiffurmaw il-mertu tal-każ. Min-naħa tal-atturi, lanqas jistgħu jkunu wisq ta' għajnuna l-fatturi mertu tal-kreditu minnhom pretiż għaliex dawn, tista' tgħid, huma kollha intestati f'isem ir-ristorant "*La Vita di La Valette*";

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Paris jisħaq li huwa qatt ma ikkuntattja lill-atturi u lanqas ma innegozja magħhom. Stqarr li huwa direttur tal-kumpannija mħarrka, li kienet tgawdi mill-kirja tal-post fejn hemm ir-ristorant. Jgħid ukoll li kien Martin Caruana, impjegat tal-imsemmija kumpannija, li kien sab lid-ditta tal-atturi u daħal f'arranġament magħha biex tibda tissupplixxi l-ħut skond il-ħtiġijiet tar-ristorant. L-ordnijiet kien jagħmilhom hu u mhux l-imħarrek. Għalkemm f'xi waqtiet l-imħarrek juża l-kelma "tiegħi" meta jsemmi lill-kok ewlieni (Martin Caruana) jew l-*accountants*, jidher li f'din il-biċċa tal-ordnijiet mingħand id-ditta tal-atturi, hu personalment ma kienx imdaħħal f'xejn[10]. Minbarra dan, intwera li kull

[9] Xhieda tiegħu 6.10.2009, f'paġ. 24 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda tiegħu 24.5.2011, f'paġġ. 147 – 8 tal-proċess

fattura li tagħmel mill-prospett li dwaru l-atturi ressqu t-talba tagħhom għall-ħlas, hija iffirmata u l-ebda firma minnhom ma hija tal-imħarrek, iżda kollha minn impjegati tal-kumpannija mħarrka[11];

Illi meta wieħed isemmi "*relazzjoni ġuridika*" jew in-nuqqas tagħha f'negozju partikolari, wieħed jifhem "dak l-att jew pluralita' ta' atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni ta' effett ġuridiku flambitu ta' d-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar. Tali att jew atti huma, mbagħad, ravviżabbli minn manifestazzjoni ta' volonta', ossija ta' dik l-imġiba li in bażi għaċ-ċirkustanzi li fih tavvera fit-traffiku ġuridiku, tnissel fid-destinatarju t-tifsira li l-parti trid tipproduċi l-konsegwenzi ġuridiċi predetti"[12];

Illi hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[13], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[14], sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor[15]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna[16], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[17]. Iżda din hija preżunzjoni *juris tantum* li jfisser li, bi provi tajbin imressqa li juru mod ieħor, f'ċerti ċirkostanzi dak li jidher li ftiehem għalih innifsu jkun, fil-fatt, ftiehem f'isem persuna oħra[18];

---

[11] Xhieda ta' Martin Caruana 30.11.2010, f'paġġ. 137 sa 140 tal-proċess
[12] App. Inf. PS **27.11.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***A.I.Ċ. Robert Musumeci vs Nazzareno Fenech***
[13] Art. 998 tal-Kap 16
[14] Art. 999(1) tal-Kap 16
[15] App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Caruana et vs John Magro et noe*** (mhix pubblikata)
[16] Art 1000 tal-Kap 16
[17] Art 1001 tal-Kap 16
[18] App. Inf. **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ Cold Stores (Import & Distribution) Ltd vs Mario Pickard et noe et***

Illi huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[19], u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor[20]. F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż[21] u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[22];

Illi wara li qieset sewwa l-fatti mressqa u x-xhieda mogħtija, il-Qorti ssib li l-imħarrek *proprio* seħħlu juri li huwa tassew ma kellux rabta ġuridika ma' l-atturi fuq livell personali. Dan jingħad minħabba li, fejn jidħlu arranġamenti dwar kunsenji ta' ikel għar-ristorant, il-kumpannija kienet tħalli esklussivament f'idejn l-impjegati afdati tagħha – ġeneralment il-kok ewlieni – u ma kien hemm l-ebda għamla ta' ftehim, rabta jew garanzija li kienet torbot lill-imħarrek mal-atturi. Din kienet ukoll waħda mir-raġunijiet li l-Qorti semmiet aktar qabel meta kienet qiegħda tqis is-siwi tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ladarba kien jidher ċar li n-negozju kollu kien wieħed fuq livell kummerċjali mnissel mill-attivita' ekonomika ġestita mill-kumpannija mħarrka fl-istabiliment fejn il-merkanzija twasslet u nbiegħet. Il-Qorti, għalhekk, tasal għall-fehma li r-rapport ġuridiku f'dan il-każ kien bejn l-atturi f'isem id-ditta tagħhom u l-kumpannija mħarrka;

Illi, għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront ta' l-atturi;

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ **il-mertu tal-pretensjonijiet attriċi**. Dan m'għandu jippreżenta l-ebda diffikulta' kbira. L-atturi wrew b'mod ċar u dokumentat tajjeb il-kunsinni kollha li dwarhom qegħdin jitolbu l-ħlas. Min-naħa tagħha, l-kumpannija mħarrka allegat li ma kienx minnu li l-ordnijiet kollha li l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tagħhom twasslu fil-fatt fl-istabiliment tagħha. Ladarba din hija

---

[19] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[20] App. Inf. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Thorne et vs John Mallia Borġ et***
[21] App. Ċiv. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Renato Ċefai noe vs J & M Aluminium Ltd.***
[22] Art. 993 tal-Kap 16

allegazzjoni tagħha, jaqa' fuqha d-dmir li tippruvaha kif imiss. Issa minbarra li dwar din l-allegazzjoni l-kumpannija mħarrka ma ressqet l-ebda prova tajba, intwera li l-mod kif kien jinżamm rendikont ta' l-ordnijiet u provvisti suppliti kien xi ftit ażżardat, billi ma kienx hemm persuna jew persuni mqabbdin apposta biex iżommu rendikont ta' dak li jkun ġie konsenjat. F'kull każ, jekk seta' kien hemm żamma mhux preċiża tal-konsenji effettwati, dan sar bejn l-impjegati tal-kumpannija mħarrka u fl-ambitu tat-tmexxija interna tal-kumpannija, u ma jidhirx li għal dan imisshom iwieġbu l-atturi jew jaħtu għalih huma;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li s-seba' eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka m'hijiex mistħoqqa u għalhekk it-talba tal-atturi għall-ħlas tal-ammont mitlub fit-tieni u t-tielet talbiet tagħhom sejra tintlaqa' kollha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2009;

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u ssib li l-imħarrek Claude Paris m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet attriċi, u għalhekk teħilsu milli jibqa' aktar fil-kawża, bi spejjeż għall-atturi;

**Tiċħad is-sitt eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka, u ssib li l-azzjoni ma waqgħetx bil-preskrizzjoni kif eċċepit;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka għandha tħallas lill-atturi s-somma ta' ħmistax-il elf tliet mija u ħmistax-il euro u tnax-il ċenteżmi (€ 15,315.12) merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata bejn Marzu tal-2007 u Diċembru tal-2008, flimkien mal-imgħaxijiet fis-somma ta' elf sitt mija u wieħed u tletin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1,631.22) dovuti fuq l-imsemmi kreditu sal-għaxra (10) ta' Marzu, 2009;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi s-somma msemmija ta' ħmistax-il elf tliet mija u ħmistax-il euro u tnax-il ċenteżmi (€ 15,315.12) merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata bejn Marzu tal-2007 u Diċembru tal-2008, flimkien mal-imgħaxijiet fis-somma ta' elf sitt mija u wieħed u tletin euro u tnejn u għoxrin ċenteżmi (€ 1631.22) dovuti fuq l-imsemmi kreditu sal-għaxra (10) ta' Marzu, 2009, flimkien mal-imgħax legali fuq dawk is-somom b'seħħ mill-11 ta' Marzu, 2009, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża**, minbarra dawk tal-imħarrek Claude Paris personalment, li jridu jħallsuhom l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------